VERŻJONI ELETTRONIKA



**K.L.B.L 41/05/2012**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

### *Bye-Laws* tal-2012 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali L-Imsida)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33, 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali L-Imsida għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2012 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali L-Imsida). Titolu.

**2.** F'dan il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx meħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija minn awtoritajiet kompetenti għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet sabiex jiġi kkunsmat ikel u xorb;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"kontenitur tal-ħġieġ" tinkludi fliexken, tazzi u, jew xi kontenituri tal-ħġieġ ieħor maħsub biex fih jiġi servut xi xorb;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali L-Imsida;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Imsida;

"post pubbliku" tfisser it-toroq ġewwa l-lokalità tal-Imsida kif murija fl-Iskeda A;

"toroq" tfisser dawk it-toroq kif murija fl-Iskeda A.

**3.** Ebda persuna ma tista' titlajja f'xi post pubbliku filwaqt li tixrob minn xi kontenitur tal-ħġieġ. Tlajjar waqt li wieħed jixrob minn kontenitur ta' ħġieġ.

**4.** Ebda persuna ma tista' ġġorr xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'post pubbliku jekk mhux f'kontenitur issiġillat u li ma jkunx miftuħ. Ġarr ta' kontenituri tal-ħġieġ li jkun fihom l-alkoħol.

**5.** Ebda persuna ma tista' tikkonsma xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'kontenitur tal-ħġieġ f'postijiet pubbliċi ħlief fl-arei msemmija. Konsum ta' alkoħol f'arei msemmija.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Stabbilimenti kummerċjali.

**6.** Kull stabbiliment kummerċjali li jkun jinsab fil-lokalità jbiegħ ix-xorb għandu:

(a) jwaħħal avviż bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif muri fl-Iskeda B, u dak l-avviż għandu jintwera f'post fejn ikun jidher sew u jinqara faċilment mill-klijenti tal-istess stabbiliment kummerċjali; u

(b) jipprovdi kontenituri magħmulin minn materjal li ma jkunx ħġieġ jekk dan ix-xorb ikun ser jiġi kkunsmat f'xi post pubbliku.

Reati u pieni.

**7.** Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws* teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' ħamsa u sittin euro (€65.00) għal dik il-kontravvenzjoni, kif ukoll ammenda oħra ta' għaxar euro (€10.00) għal kull jum li fih tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.

SKEDA A

(Artikoli 2, 6)

Lista ta' Toroq li fihom ma jistax jiġi kkunsmat xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'kontenituri tal-ħġieġ.

- Triq Oscar Żammit
- Triq il-Baċir
- Triq John Borg
- Triq Misraħ il-Barrieri
- Triq Ġwann Mamo
- Triq Villambrosa
- Triq Bordin
- Triq San Ġużepp
- Triq Imħallef Paolo Debono
- Triq l-Esperanto
- Triq Carmelo Żammit

SKEDA B

(Artikolu 6(a))

1. THE CONSUMPTION OF BEVERAGES IN GLASS CONTAINERS OUTDOORS IS PROHIBITED BY LAW

2. THE CONSUMPTION OF ALCOHOL IN THE STREETS IS PROHIBITED BY LAW

3. THE CARRYING OF ALCOHOL IN THE STREETS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW

--------------------------

1. IL-KONSUM FIT-TRIQ TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ HU PPROJBIT BIL-LIĠI

2. IL-KONSUM TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ HU PPROJBIT BIL-LIĠI

3. IL-ĠARR TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.C.B.L 41/05/2012**

## LOCAL COUNCILS ACT
## (CAP. 363)

### Beverages in Glass Containers in Public Places (L-Imsida Local Council) Bye-Laws, 2012

IN exercise of the powers conferred by articles 34, 35(8) and 60 of the Local Councils Act, the L-Imsida Local Council has made the following Bye-Laws:-

**1.** The title of these Bye-Laws is the Beverages in Glass Containers in Public Places (L-Imsida Local Council) Bye-Laws, 2012. Citation.

**2.** In these Bye-Laws unless the context otherwise requires: Interpretation.

"the Act" means the Local Councils Act; Cap. 363.

"the Council" means the L-Imsida Local Council;

"designated areas" means those areas designated by the competent authorities for the placement of tables and chairs exclusively for the consumption of food and beverages;

"locality" means the L-Imsida locality;

"glass container" includes glass bottles, glasses and, or any other glass containers intended for the serving of any beverages;

"public place" means the streets including pavements, squares and public gardens, within the locality listed in Schedule A;

"streets" means those streets listed in Schedule A.

**3.** No person is permitted to loiter in any public place whilst drinking from a glass container. Loitering while drinking from a glass container.

**4.** No person is permitted to carry in any public place alcohol or any other drinks in glass containers other than in a sealed unopened container. Carrying of glass containers containing alcohol.

**5.** No person is permitted to consume beverages or alcohol in glass containers other than in the designated areas. Consumption of alcohol in designated areas.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Commercial establishment.

**6.** Any commercial establishment situated in the locality selling beverages shall:

(a) affix a notice in Maltese as well as in English as shown in Schedule B, which notice shall be placed in a conspicuous place and be easily legible by the patrons of such commercial establishment; and

(b) provide containers made of a material other than glass if such beverage is to be consumed in any public place.

Offences and penalties.

**7.** Any person who is in breach of any of the provisions of these Bye-Laws shall, on conviction, be liable to a fine (*ammenda*) of sixty-five euro (€65.00) for such contravention, and to a further fine (*ammenda*) of ten euro (€10.00) for every day during which any of the provisions of these Bye-Laws is breached.

VERŻJONI ELETTRONIKA



SCHEDULE A

(Articles 2, 6)

List of streets in which the consumption of alcoholic beverages and other drinks in glass containers is prohibited.

- Oscar Żammit Street
- Dock Street
- John Borg Street
- Quarries Street
- Ġwann Mamo Street
- Villambrosa Street
- Bordin Street
- Saint Joseph Street
- Imħallef Paolo Debono Street
- Esperanto Street
- Carmelo Zammit Street

VERŻJONI ELETTRONIKA



SKEDA B

(Artikolu 6(a))

1. THE CONSUMPTION OF BEVERAGES IN GLASS CONTAINERS OUTDOORS IS PROHIBITED BY LAW

2. THE CONSUMPTION OF ALCOHOL IN THE STREETS IS PROHIBITED BY LAW

3. THE CARRYING OF ALCOHOL IN THE STREETS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW

-------------------------

1. IL-KONSUM FIT-TRIQ TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ
HU PPROJBIT BIL-LIĠI

2. IL-KONSUM TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ HU PPROJBIT BIL-LIĠI

3. IL-ĠARR TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.36